MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 61/2019

It-Tlieta 23 t'April 2019

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier

ASSENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

61.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Christian Cassar kien skużat filwaqt li ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Marija Saliba kienet assenti. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

61.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 59/2019 u 60/2019 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

61.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

61.2.3 Il-Kunsillier Chev. Carmelo Saliba wieġeb għal dak li ntqal fil-minuti 60.2.11. Chev. Carmelo Saliba qal li hu flimkien mal-Viċi Sindku għamlu dik il-mozzjoni biex ma jkunx hemm għalfejn imorru quddiem ħadd u kemm jiġi sseparat il-kont. Qal li talbu biss għal trasparenza. Chev. Carmelo Saliba qal li hu ma qalx li s-Sindku għamel xi ħaġa ħazina. Huwa stqarr li kien jaf li kien qed isir ix-xogħol f'dik it-triq iżda mhux b'dak il-mod li kien qed isir.

61.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

61.3.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsill tal-ġenituri fi ħdan l-iSkola Primarja taż-Żebbuġ ħareġ bi proposta dwar il-ħarġa kulturali tat-tfal bit-*trackless train*. Din il-proposta hi li jżuru s-salini tal-melħ fix-Xwejni fejn ikollhom taħdita minn sid ta' dawn is-salini Emmanuel Cini dwar il-proċess ta' dan ix-xogħol. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jagħti lit-tfal kollha borża zgħira melħ ta' dan il-post bħala tifkira.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

61.3.2 Is-Sindku ressaq ittra mibgħuta mill-Awtorita' tal-Ippjanar lill-Kunsill Lokali dwar ilment li tressaq mill-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina fuq xogħol li kien qed isir fuq il-moll fi Triq il-Port Marsalforn quddiem Pierre's Restaurant. L-Awtorita' nfurmat lis-Sur Cordina li dak ix-xogħol kien qed isir mis-sezzjoni tas-CMU fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u kellu l-permessi meħtieġa.

## 61.4 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statement* għas-sena 2018 ;

61.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-*audited financial statements* għas-sena 2018.

61.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet ta' figuri jew ammonti fil-*Financial Statements* wara li sar l-awditjar mill-awdituri tal-Kunsill.

61.4.3 Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, l-*audited financial statements* għas-sena 2018 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

## 61.5 Festa Santa Marija 2019 ;

61.5.1 Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-għaqdiet kollha tar-raħal flimkien mal-Arċipriet Dun Ġwann Sultana dwar il-festa ta' Santa Marija 2019 u dwar il-*beer festival* li jsir b'kollaborazzjoni ma' Zebbug Rovers F.C.

61.5.2 Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li l-programm isir bħal tas-sena l-oħra eżatt sabiex kulħadd ikun jista' jipprepara għal dawn l-attivitajiet. Il-membri qalu li dan il-programm jista' jiġi kkonfermat minn amministrazzjoni tal-Kunsill il-ġdid jew jista' jilqa' xi talbiet oħra li saru mill-għaqdiet skont il-finanzi tal-Kunsill kemm jippermettu.

## 61.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

61.6.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina staqsa jekk il-Kunsill kellux risposta minn Transport Malta wara li ntbagħtet ittra sabiex is-servizz tat-



KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

trasport pubbliku jilħaq lir-residenti tal-inħawi tal-Ponta. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li Transport Malta m'aċċettawx it-talba tal-Kunsill bir-raġuni tkun minħabba nuqqas ta' spazju biex il-vettura tat-trasport pubbliku tagħmel *u-turn* f'dawk l-inħawi. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li terġa' tintbagħat tweġiba li f'inħawi ferm iżgħar f'lokalitajiet oħra, *u-turn* issir mill-vetturi tat-trasport pubbliku. Il-membri qalu wkoll li fil-jum tal-votazzjoni xarabank ferm akbar tilħaq dawk l-inħawi biex tiġbor il-kaxxi tal-voti u ddur mingħajr problemi.

61.6.2 Il-Viċi Sindku xtaq jiċċara l-punt li kien qajjem fl-aħħar laqgħa dwar Triq ta' Milied. Huwa qal li hu ressaq it-talba biex ikun hemm aċċess għall-vetturi imma qatt ma semma mil-liema għelieqi ser isir l-esproprjazzjoni.

61.6.3 Il-Kunsillier is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar Triq ta' Milied u qalet li fost ir-residenti u s-sidien tal-għelieqi tal-inħawi hemm ħafna mistoqsijiet u lmenti. Hi qalet li l-ewwel għandu jiġi ddeterminat eżatt minn fejn sa fejn ser titwessa' t-triq mill-awtoritajiet kompetenti.

## 61.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

61.7.1 Ilment 12/2019 – S. Vella
Tikteb għan-nom ta' ħutha kollha li dak li ntqal waqt il-laqgħa tal-Kunsill nhar il-21 ta' Marzu 2019 li s-sidien kollha ta' Triq ta' Milied jaqblu li tittieħed l-art biex titwessa' t-triq mhux veritier u li huma ma jaqblux li jagħtu l-art tagħhom għat-twessieħ tat-triq. Il-Kunsill innota dan.

61.7.2 Ilment 13/2019 – A. Vella
Jikteb għan-nom ta' ħutu kollha li dak li ntqal waqt il-laqgħa tal-Kunsill nhar il-21 ta' Marzu 2019 li s-sidien kollha ta' Triq ta' Milied jaqblu li tittieħed l-art biex titwessa' t-triq mhux veritier u li huma ma jaqblux li jagħtu l-art tagħhom għat-twessieħ tat-triq. Il-Kunsill innota dan.

61.7.3 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Joseph Hili – Attivita' Soċjali fi Triq il-Knisja (wara l-Knisja), Iż-Żebbuġ – 11 ta' Mejju 2019;
- *Gozo Motocross Association* – Kompetizzjoni Enduro fl-inħawi tax-Xwejni – 11 ta' Mejju 2019;

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

- Mauro Gasan – *Lunch / Wedding Ceremony* – Xwejni *Salt Pans (public area)* – 3 ta' Mejju 2019, 11 ta' Mejju 2019 u 19 ta' Lulju 2019.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

61.7.4 Il-Kunsill irċieva ittra legali fil-Qorti tal-Maġistrati mill-avukat Dr Chris Said għan-nom tal-ġenituri tat-tifel li sofra xi ġrieħi fl-inċident fi Triq il-Qbajjar Marsalforn nhar it-2 ta' Frar 2019. F'ittra mibgħuta mill-avukat Dr Mario Scerri ftit jiem qabel wara li saret laqgħa fil-Kunsill mal-ġenituri tat-tifel, il-Kunsill intalab li jħallas €2,427 bħala kumpens tad-danni li sofrew. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mingħand id-Direttur tad-Dipartiment kif ukoll mill-avukat tal-Kunsill dwar dan il-każ.

61.7.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar il-ħatra ta' DPO fil-Kunsilli Lokali. Waqt laqgħa tar-Reġjun ġie deċiż li tinħareġ sejħa għall-offerti għal *Data Protection Officer* tal-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex mir-Reġjun Għawdex. Il-Kunsill innota dan.

61.7.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jfakkar li l-ħatra ta' DPO temporanju tas-Sur Ian Magro ser tintemm u għalhekk l-assoċjazzjoni qed tirrakkomanda sabiex tiġi maħtura l-impjegata tal-Kunsill Lokali fl-għola grad wara s-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jaħtar lill-Assistent Prinċipal Liliana Borg bħala DPO sakemm tiġi ffinalizzata s-sejħa għall-offerti maħruġa mir-Reġjun Għawdex.

61.7.7 Il-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza mid-Dipartiment tas-Sanita' fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex b'suġġeriment sabiex issir tabella biex ir-residenti ma jarmux żibel fi Triq Skapuċċina k/m Trejqet l-Andar. Kien hemm qbil dwar dan.

61.7.8 Ċirkulari AKL 2019/030 – Taħriġ fl-Immaniġjar tal-Proġetti – PRINCE2. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.9 Ċirkulari AKL 2019/031 – Preżentazzjoni ta' donazzjoni MCCF 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.10 Ċirkulari AKL 2019/032 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 18. Il-Kunsill

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

innota l-kontenut.

61.7.11 Ċirkulari AKL 2019/033 – National Conference on the Wellbeing of Foreign Children in Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.12 Ċirkulari AKL 2019/034 – Aħbar tal-mewt tas-Sa. Jane Calleja omm is-Sindku ta' Marsascala, is-Sur Mario Calleja. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.13 Ċirkulari AKL 2019/035 – Lista ta' kuntatti ta' Kapijiet tal-Kommunitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.14 Ċirkulari AKL 2019/036 – Guidelines to LC's for correct type of bicycle parking racks. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.15 Ċirkulari AKL 2019/037 – 2019 EU Health Award for cities, NGOs and schools launched! Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.16 Ċirkulari AKL 2019/038 – Malta Pride initiative 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.17 Ċirkulari AKL 2019/039 – Inizjattiva b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta – Skema għall-anzjani. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.18 Ċirkulari AKL 2019/040 – Rati tal-Baned. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.19 Ċirkulari AKL 2019/041 – L-Għid it-Tajjeb. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.20 Ċirkulari Numru SPI 6/2019 – Espressjoni ta' nteress għall-programm Għaqal id-Dar – Ħajja Aħjar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.21 Komunikat DĠ/K/5/2019 – Ħatra ta' direttur ġdid għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) u Organogramma tal-Kapijiet tat-Taqsimiet. Il-Kunsill innota dan.

61.7.22 Stqarrija mill-Kummissjoni Elettorali – Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsilli Lokali, Mejju 2019 – Ġurament li jsir barra minn Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.23 Stqarrija mill-Kummissjoni Elettorali – Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsilli Lokali, Mejju 2019 – Nomini ta' Kandidati. Il-

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

Kunsill innota l-kontenut.

61.7.24 Stqarrija mill-Kummissjoni Elettorali – Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsilli Lokali, Mejju 2019 – Kumpless tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.25 Stqarrija mill-Kummissjoni Elettorali – Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsilli Lokali, Mejju 2019 – Dokumenti tal-vot minn Għawdex għal Malta jew viċi-versa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.26 Stqarrija mill-Kummissjoni Elettorali – Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsilli Lokali, Mejju 2019 – Votazzjoni bikrija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

61.7.27 Stqarrija għall-Istampa – Reġistru Elettorali ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX

## 61.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Il-minuti tal-laqgħa bin-numru KAM 47/2019 tat-Tlieta 5 ta' Marzu 2019 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ġew approvati mill-Kunsill wara li kienu ċċirkolati minn qabel.

## 61.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 45/2019 għall-perjodu bejn il-21 ta' Marzu 2019 u t-22 t'April 2019 li tammonta għal €40,220.87 ġiet approvata u ffirmata.

## 61.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 29 ta' Mejju 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 29 ta' Mejju 2019.

***Iffirmata***
Nicky Saliba
Sindku

***Iffirmata***
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ GĦAWDEX